MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 303/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Multi Investments Limited,**
**Anthony u Jane mizzewgin Ellul,**
**Country Style (Malta) Limited,**
**Salamander Janitor Services Limited, u**
**Christone Catering Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta rikorrenti tal-24 ta’ Marzu 2011 li jghid hekk:

Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Dottor John Debono datat 27 ta' Gunju 2002 (Dok "A"), l-intimati iddikjaraw ruhhom veru, certi u likwidi

debituri tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' tmien mija u tmienja u tmenin elf u disgha u tmenin euro u wiehed u sittin centezmu (€888,089.61) (ekwivalenti ghal Lm381,256.87) flimkien mal-imghax u spejjez relattivi oltre l-imghaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv;

Illi d-debitu tal-intimati mas-socjeta rikorrenti llum jammonta ghal mija u disgha u disghin elf, erba' mija u hamsa u tmenin ewro u hamsa u tmenin eentezmu (€199,485.85), kwantu ghal mija u wiehed u sittin elf, tmien mija u sbatax-il ewro u tlieta u sebghin centezmu (€161,817.73) sorte u kwantu ghal sebgha u tletin elf, sitt mija u tmienja u sittin ewro u tlettax-il centezmu (€37,668.13) imghax legali sat-23 ta' Dicembru 2010, flimkien mal-ispejjez u mal-imghax ulterjuri mill-24 ta' Dicembru 2010 sal-jum tal-pagament effettiv;

Illi ghaddew aktar minn tlett (3) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta' jigi ezegwit u d-debitu tal-intimati ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors;

Ghaldaqstant, is-socjeta rikorrenti titlob umilment illi Din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi l-kuntratt datat 27 ta' Gunju 2002 in atti Nutar Dottor John Debono (Dok. "A") fl-ismijiet fuq imsemmija bl-ispejjez kontra l-istess intimati;

Rat ir-risposta tal-intimati kollha li tghid hekk:

1. Illi wara li kien sar il-kuntratt li fuqu hija msejsa l-pretenzjoni tal-bank rikorrent, ir-relazzjoni bejn il-partijiet giet regolata permezz ta' ftehim li ghadu vigenti bejn il-partijiet sabiex il-bilanc dovut mill-esponenti jigi mhallas b'rati mensili, kif jirrizulta mill-annessa kopja tal-korrispondenza mibghuta lid-direttur tas-socjetajiet esponenti mir-rapprezentant tal-bank rikorrent (ara Dok. A anness);

2. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont dikjarat mill-bank rikorrent bhala li huwa dovut lilu mill-intimati huwa eccessiv stante li fil-gurnata li fiha sar ir-rikors odjern il-bilanc totali dovut mill-esponenti kien nizel ghal

€146,297.64 u l-imghax dovut sal-istess gurnata kien gia kollu gie mhallas mill-esponenti;

3. Illi llum il-gurnata l-ammont dovut mill-intimati lill-Bank rikorrent gie ridott ulterjorment, kif ser jigi pruvat fil-mori tal-proceduri;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tal-bank rikorrent u, fil-waqt li tiddikjara illi l-ammont pretiz mill-bank rikorrent huwa eccessiv kif hawn fuq imsemmi, tiddikara illi l-bilanc dovut mill-esponenti lill-bank rikorrent ghadu m'huwiex pagabbli, u ghaldaqstant il-kuntratt li fuqu huwa msejjes ir-rikors odjern ghadu m'huwiex ezegwibbli, stante illi hemm ftehim vigenti bejn il-partijiet sabiex l-ammont dovut mill-esponenti jigi mhallas b'rati mensili

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-31 ta’ Mejju 2012;

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza li saret sabiex kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu bejn il-kontendenti datat 27 ta’ Gunju 2002 esebit in atti jerga’ jigi rez ezegwibbli peress li ghaddew aktar minn tlett snin minn meta seta’ jigi ezegwit u d-debitu ghadu mhux imhallas u dan ai termini tal-artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12.

L-intimati eccepew illi wara dan il-kuntratt ir-relazzjoni bejn il-partijiet giet regolata permez ta’ ftehim fejn il-balanc kellu jithallas b’rati mensili u ghalhekk id-debitu ghadu mhux pagabbli u konsegwentement mhux ezegwibbli. Inoltre l-bilanc dovut mill-intimati hu anqas minn dak li l-bank rikorrenti qed jallega li ghadu dovut.

Fil-mori tal-proceduri pero l-intimati pprezentaw rikors fejn ma oggezzjonawx ghal fatt u t-talba tal-bank attur li t-titolu ezekuttiv akkwistat permezz tal-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu tas-27 ta’ Gunju 2002 jigi dikjarat validu u mgedded

mill-Qorti pero ma kienux qed jaqblu illi l-bilanc dikjarat mill-bank hu dak realment dovut u billi ghadu ghaddej iz-zmien ghal hlas b’pagamenti ta’ rati mensili l-intimati ma ghandhomx ihallsu l-bilanc qabel gheluq iz-zmien ghal hlas. Inoltre oggezzjonaw ghall-ispejjez tal-kawza.

Il-Qorti tirrileva illi l-indagini ta’ din il-Qorti f’rikorsi ta’ din ix-xorta huma limitati kif inhi limitata t-talba tal-bank ai termini tal-artikolu 258(c) tal-Kap. 12. Sahansitra fil-kawza **HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli et** deciza fit-18 ta' April, 2002 inghad:

"llli minn dan jidher li l-uniku ezami li ghandha taghmel l-istess Qorti ghall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taccerta ruhhu dwar l-esistenza tal-istess titolu ezekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-gurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn izjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifka lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smiegh."

Din il-Qorti tqis pero illi s-smigh ta’ rikors simili ghalkemm mhux obbligatorju jaghti lil partijiet kollha d-dritt ghal smigh xieraq u biex il-Qorti jkollha quddiemha kull fatt li jistghu jghinuha tasal ghad-decizjoni taghha.

Dak li jrid jigi mistharreg u deciz hu biss jekk jezistix titolu ezekuttiv a bazi tal-artikolu 253(b) tal-Kap. 12 u jekk in-natura ta’ dan it-titolu ghadux vigenti u li d-debitu jew parti minnu ghadu dovut. Jekk ir-risposta ghal dawn il-kweziti hu fl-affirmattiv, jiskatta d-dritt tar-rikorrenti li dan it-titolu jerga’ jigi rez ezekuttiv. Billi jkun skada t-terminu li fih dan it-titolu skond il-ligi seta’ jigi ezegwit kontra d-debitu, il-ligi terga’ ggedded a bazi tal-artikolu 258 tal-Kap. 12 l-ezegwibilita tat-titolu ezekuttiv.

Jidher mill-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu datat 22 ta’ Gunju 2002 a fol. 2 et seq .tal-process illi l-konvenuti ddikjaraw ruhhom debituri u garanti tal-bank ghal somma hemm indikata u fost il-kundizzjonijiet imsemmija l-bank kellu id-dritt li fuq talba bil-miktub jezigi l-hlas lura tal-ammont kollu dovut. Ma saret ebda kundizzjoni ta’

dilazzjoni ta’ pagament jew ta’ pagamenti rateali b’terminu ta’ pagament. Dan ifisser li t-titolu kien wiehed li jaqa’ taht l-artikolu 253(b) tal-Kap. 12.

Hu minnu li hemm e-mail esebita mill-intimati (a fol. 25 tal-process) datata 18 ta’ April 2011 mibghuta mill-bank lis-socjeta Multi Investments Limited fejn il-bank accetta talba mill-istess socjeta biex izid il-hlasijiet mensili ghal hlas tad-debitu bil-kundizzjoni li l-bilanc jithallas kollu malli tinbiegh proprjeta appartenenti lil kumpanija jew wiehed mid-debituri jew garanti (billi d-dirittura uzata mhix cara).

Il-konvenuti qed jaqbdu ma’ din l-e-mail biex isostni li t-titolu ezekuttiv gie ttemprat b’dan il-ftehim gdid u kwindi l-bilanc ma jistghax jintalab aktar f’salt billi hemm ftehim ta’ dilazzjoni ta’ pagament.

Din il-Qorti tqis li l-e-mail esebita ma annullatx is-sahha tat-titolu ezekuttiv per se. Il-fatt li jista’ jkun hemm ’repayment programme’ iffissat bonarjament bejn il-partijiet halla impregudikat il-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu qua titolu ezekuttiv. Il-koncessjoni tal-bank f’e-mail ma tistax titqis bhala tibdil tan-natura tal-kuntratt ghalkemm jista’ f’cirkostanzi ohra jkollha effetti fuq l-ezekuzzjoni tat-titolu. Ma gie esebit ebda kuntratt iehor jew ftehim formali iehor li nehha jew biddel jew skarta l-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu, liema kuntratt hu l-bazi tal-proroga ghas-suxxettibilita tal-ezekuzzjoni tieghu. Din il-Qorti mhix qed tintalab tiddeciedi jekk dan il-kuntratt jistghax jigi ezegwit immedjatament. Din hi kwistjoni li semmai tista’ tqum jekk u meta jittiehdu proceduri ta’ ezekuzzjoni bis-salvagwardji li l-ligi taghti lil kull parti li thoss li l-ezegwibilita hi nieqsa minn xi element necessarju li jirrendi t-titolu ezegwibbli. Kif intqal aktar il-fuq it-talba hi wahda limitata ghal dak li jrid l-artikolu 258 u xejn oltre u cioe li t-titolu hu wiehed ezekuttiv, ghadu vigenti u hemm bilanc dovut. Jekk l-ezegwibilita hux ser tintlaqa’ b’intoppi fil-mument ta’ ezekuzzjoni, hi kwistjoni li ma tidholx fiha din il-Qorti f’dan l-istadju.

Bl-istess mod ghalkemm hemm divergenza bejn il-partijiet dwar il-bilanc dikjarat bhala ghadu dovut u ghalkemm tali

bilanc hu msemmi fil-premessi tar-rikors tal-bank attur u konfermat bil-gurament mir-rapprezentant tal-istess bank dan il-bilanc mhux qed jigi konfermat mill-Qorti bhala dovut attwalment. Hu biss il-kuntratt innifsu u l-fatt li hemm bilanc pendenti li qed jintalab jigi prorogat bhala titolu ezekuttiv kapaci li jista’ jigi ezegwit jekk l-elementi legali ghall-ezekuzzjoni jissussistu. Il-Qorti ghalhekk hawn ukoll mhix qed tikkonferma l-bilanc msemmi fir-rikors tal-bank bhala dak realment dovut, ghax dak semmai jista’ jigi dibattut f’sede ohra fi proceduri ohra, izda biss li t-titolu ezekuttiv ghadu jezisti u qed jigi mgedded kif trid il-ligi biex potenzjalment jista’ jigi ezegwit.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u konformement ma’ dak deciz aktar il-fuq tilqa’ t-talba tal-bank rikorrenti kif dedotta.

Bl-ispejjez jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------